# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 3

12 t'Awwissu 2024

It-tielet (3) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tnejn 12 t'Awwissu 2024 fis-2.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Nigel Holland | ( NH ) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |
| Is-Sur Justin Haber | ( JH ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku NH fetaħ il-laqgħa billi qal kelmtejn fuq is-Sur George Borg, l-ewwel Viċi Sindku tal-lokalità, li ħalla din id-dinja fil-jiem li għaddew. Huwa ppropona minuta ta' silenzju. Il-Kunsill offra minuta ta' silenzju għall-memorja tiegħu.

## MINUTI

### 3.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

3.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 3.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

3.2.1. Is-Sindku NH ressaq il-minuti tat-tieni (2) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

3.2.2. Il-Kunsilliera JP ressqet il-korrezzjoni ta' materja nru 2.7.2 li għandha taqra li d-dekasteru tal-"attivitajiet" huwa f'idejn il-Kunsillier JH u għalhekk id-dekasteru 'Kultura u Attivitajiet' għandu jiġi emendat għal 'Kultura'. Ġie diskuss id-dekasteru tal-"kultura" fejn ġie maqbul li dan għandu jkun f'idejn il-Viċi Sindku JAE. Il-Kunsill qabel.

3.2.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera SSH u issekondata mill-Viċi Sindku JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (SSH, JAE, NH, JH, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

### 3.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.3.1. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand grupp ta' persuni li jilgħabu l-boċċi fiċ-Ċentru Rikreattiv Re Ġorġ V li ressqu numru ta' talbiet relatati mal-logħob tal-boċċi fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V, bħal tindif minn ħaxix ħażin, tpoġġija ta' saff ramel, tqegħid ta' barrikati, tpoġġija ta' bankijiet fuq livell superjuri, eċċ. Filwaqt li qabel fil-prinċipju, il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali sabiex jiġu diskussi dawn it-talbiet u jara jekk hemmx xi oġġezzjonijiet.

3.3.2. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Floriana Ajax Sports Club fejn ipproponew li għal darboħra terġa' ssir il-Presentation Night b'mod konġunt mal-Kunsill. Huma pproponew li l-attività ssir fi Ġnien Sir Luigi Preziosi nhar l-24 t'Awwissu 2024. Il-Kunsill qabel mal-proposta għall-attività konġunta.

3.3.3. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Floriana Ajax li rringrazzjaw lill-Kunsill preċedenti u awguraw lill-kunsilliera eletti.

3.3.4. Is-Sindku ressaq korrispondenzi mingħand resident li talab laqgħa mal-Kunsill rigward il-proġett ta' Triq l-Isqof Mauro Caruana. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jorganizza laqgħa.

3.3.5. Is-Sindku ressaq kwotazzjoni mingħand kuntrattur biex isir poġġaman għat-taraġ tal-ġibjun li hemm ħdejn il-Floriana Senior Citizens. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mal-NGO sabiex jara jekk din l-ispiża tistax tiġi assorbita mil-Gvern Ċentrali jew jekk le, jiġi diskuss jekk il-Kunsill jistax ikollu ownership parzjali sabiex tiġġustifika din l-ispiża. Il-Kunsillier JH ippropona li l-poġġaman isir tal-aluminju iżda s-SE nforma li meta ċċekkja, il-prezz tal-ħadid jiġi orħos mill-aluminju.

3.3.6. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand direttur ta' Sloane li talab li tinxtegħel Triq Sant'Anna nhar il-5 t'Ottubru għall-okkażjoni tal-anniversarju tal-Cadbury. Il-Kunsill qabel li għandu jirreferih għal min hu responsabbli minħabba li ż-żoni proposti ma kienux jaqgħu taħt il-Kunsill.

3.3.7. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Bank of Valletta li talbu li l-ispazju ta' parkeġġ Keep Clear li hemm quddiem il-bank jiġi konvertit għal spazju riservat. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx mat-talba. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jinformahom li l-Keep Clear eżistenti għandha tkun limitata għal ċertu ħinijiet u ma tkunx għal riservata għal ġurnata sħiħa.

3.3.7.1. Il-Kunsillier JH qal li kien tkellem ma' rappreżentant tal-bank dwar il-fergħa lokali. Huwa qal li r-rappreżentant kien offra li jħalli persuna fil-fergħa sabiex tassisti lir-residenti biex jiddepożitaw ċekkijiet u jużaw il-kard. Il-Kunsill laqa' din l-offerta.

3.3.7.2. Il-Kunsillier JH ressaq proposta biex ikun hemm parkeġġ riservat għad-direttur. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx li kien hemm il-bżonn ta' parkeġġ riservat.

3.3.8. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand Citadel Insurance plc. fejn ipproponew li jagħmlu pjanti tul Triq is-Suq sabiex jikkontribwixxu lejn l-ambjent lokali u l-komunità. Filwaqt li l-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din l-inizjattiva, qabel li għandu jitlob iktar informazzjoni fejn ser jitpoġġew il-pjanti u jinformahom li t-talba qed tiġi milqugħa mingħajr preġudizzju u bil-kundizzjoni li t-triq tibqa' responsabbiltà tal-Kunsill.

3.3.9. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand is-Sa Angele Zerafa fejn ipproponiet li ssir manutenzjoni fil-grawnds tal-Floriana Nursery. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jitlob laqgħa magħhom sabiex jiġi ċċarat x'inhu jintalab eżatt.

3.3.10. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand St Ursula Ltd fejn ressqu talba għal un/loading bay. Il-Kunsill qabel li għandu jitlobhom jiċċaraw iż-żona eżatt ta' fejn jixtiequ din l-un/loading bay.

3.3.11. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand Transport Malta fejn infurmaw li s-sistema tat-traffiku tal-one way fi Triq l-Iljun ġiet approvata bi żmien ta' prova. Il-Viċi Sindku JAE ppropona li ssir laqgħa t'informazzjoni mar-residenti li ġew affettwati. Il-Kunsill approva.

3.3.12. Is-Sindku għamel riferenza għall-inċident relatat mal-parker ta' maġenb il-Klabb tal-Boċċi u qal li kien irċieva korrispondenza li kienet qed tittieħed azzjoni.

3.3.13. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand Transport Malta fejn informaw li ċ-charging stations li ġew rifjutati kienu ġew rifjutati minħabba li jew ma setgħux jiġu mogħtija dawl u/jew minħabba li ma kienux proprjetà tal-gvern. Il-Kunsill innota dan.

3.3.14. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand is-SE fejn informa lill-Kunsill li kien ser ikun qed jagħmel użu minn għaxart ijiem paternity leave fil-perjodu ta' Settembru-Ottubru. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

3.3.15. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-voluntiera tal-Kappella San Publju Martri fi Triq l-Isqof Mauro Caruana. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li jsejjaħ laqgħa.

## 3.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL KUNSILLIERA

3.4.1. Il-Kunsillier JH qal li kien ġie avviċinat minn rappreżentant tar-ROCS li talab lill-Kunsill jipprovdilu l-kuntatt tas-sid tas-sulari ta' fuq tal-binja tagħhom sabiex ikun jista' jikkuntattjah rigward manutenzjoni tal-binja. Is-Sindku qal li għandu jgħaddilu l-kuntatt li għandu hu.

3.4.2. Il-Kunsillier JH ressaq proposta sabiex isir villaġġ tal-Milied li jkun jibda' minn ħdejn l-Ambaxxata tat Turkija u jibqa' sejjer saċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Il-Kunsillier JH kompla billi ta xi informazzjoni fuq x'ser ikun jinvolvi dan il-villaġġ. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa informali iktar tard dik il-ġimgħa sabiex tiġi diskussa din il-proposta f'iktar dettall.

**Nota: 15:02 Is-Sindku NH talab li jkun skużat.**
**Il-Viċi Sindku JAE mexxa l-laqgħa.**

3.4.3. Il-Kunsillier JH ressaq proposta f'isem xi persuni fejn kienu qed jipproponu li, a spejjeż tagħhom, isiru tliet grawnds tal-paddle fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V.

**Nota: 15:04 Is-Sindku NH irritorna għal-laqgħa.**

3.4.3.1. Il-Kunsillier JH qal li huma kienu qed jipproponu li jkun hemm watchman mal-grawnds u li l-Kunsill jibda' jieħu kirja.

3.4.3.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' mal-proponenti sabiex jiddiskuti l-proposta magħhom f'iktar dettall, qabel ma tkun tista' tittieħed deċiżjoni.

3.4.4. Il-Viċi Sindku JAE ippropona li l-pots ta' ħdejn il-Knisja jingħataw ftit kulur. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob parir ta' x'tip ta' żebgħa għandha tintuża biex tkun reżistenti għall-elementi.

3.4.5. Il-Viċi Sindku JAE staqsa jekk hemmx informazzjoni dwar il-ħasil taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V u dwar il-fumigazzjoni tat-toroq.

3.4.5.1. Is-SE qal li l-ħasil taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V kien sar. Il-Viċi Sindku JAE talab li l-ħasil jibda' jsir iktar ta' spiss.

3.4.5.2. Il-Kunsilliera SSH qalet li huwa importanti li l-art tingħorok u mhux jintefa biss l-ilma.

3.4.5.3. Is-SE qal li fir-rigward tal-fumigazzjoni, kien għadu qed jistenna risposta. Il-Viċi Sindku JAE talab li tintbagħat tfakkira.

3.4.5.4. Is-Sindku NH staqsa dwar il-fumigazzjoni ta' ħdejn il-Masġar ta' Sir Paul Boffa. Is-SE qal li Ambjent Malta kienu rrifjutaw li ssir dil-fumigazzjoni minħabba l-effett fuq is-siġar u anke minħabba li mhux qed itellef direttament lir-residenti.

3.4.6. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għal Triq is-Suq u pproponiet li jerġgħu isiru d-double yellow lines li kien hemm mit-taraġ l'isfel. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lil Transport Malta.

3.4.7. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk kienx hemm risposta mingħand il-Pulizija rigward it-tarmak li kien intefa fi Triq Pietro Floriani. Is-SE qal li l-Pulizija kienu informawh li kienu qed jaħdmu fuqha.

3.4.8. Il-Kunsilliera SSH ressqet proposta biex il-Kunsill jikteb lill-iStreet Naming Committee sabiex tissemma triq għall-Avukat Joe Brincat. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li din il-proposta titpoġġa fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss sabiex wieħed ikun jista' jilħaq jagħmel ftit riċerka.

3.4.9. Il-Kunsilliera JP ipproponiet li ssir tabella biex ma jitimgħux ikel tad-dar lill-qtates li hemm ħdejn Bieb il-Bombi u li jindikaw li hemm il-qtates. Hija pproponiet ukoll li jsir cat cafe f'din iż-żona. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

3.4.10. Il-Kunsilliera JP għamlet riferenza għall-bring in sites tal-ħwejjeġ u staqsiet jekk hemmx numru ta' kuntatt minħabba li qed ikun hemm ħafna boroż li qed jitħallew maġenbhom. Is-SE qal li għandu jiċċekkja mal-amministrazzjoni u jgħaddilha l-informazzjoni.

3.4.10.1. Il-Kunsill qabel li għandu jara jekk din l-organizzazzjoni hux qed isservi użu proprju ħalli jekk le, il-bring in sites jitneħħew minn Pjazza Emanuel S. Tonna.

3.4.11. Il-Kunsilliera JP informat li kienet bagħtet email lill-Animal Welfare rigward il-ħamiem u staqsiet jekk tistax issir follow up għax kien għad m'hemmx risposta. Il-Kunsill qabel li tiġi kkupjata l-amministrazzjoni sabiex il-materja tkun tista' tiġi segwita.

## 3.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sotto kumitati

3.5.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi għamel riferenza għall-istedina tal-Comune di Macerata fejn ġiet diskussa id-delegazzjoni li ser tintbagħat mill-Kunsill.

3.5.2. Is-Sindku kompla billi ippropona erba' sottokumitati:

- Ir-Relazzjonijiet Lokali u Internazzjonali
- Forum Riġenerazzjoni tal-Floriana
- Indafa Pubblika u Ambjent
- St Patrick's (Sun)day

3.5.3. Il-Kunsill approva li jiġu stabbiliti dawn is-sottokumitati.

## 3.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni Skeda ta' Pagamenti

3.6.1. Is-Sindku NH ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 02/09 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

3.6.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JAE u issekondata mill-Kunsilliera SSH, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 3.7 Ġenna ta' Ġonna....u ħafna aktar!

3.7.1. Is-Sindku NH fetaħ il-materja billi qal li f'dawn l-aħħar snin jidher li l-isem kien inbidel għal Ġenna ta' Ġonna. Huwa staqsa għal parir tal-Kunsill jekk l-isem għandux jerġa' jinbidel għal "Ġenna ta' Ġonna.... u ħafna aktar!". Il-Kunsill qabel li l-isem tal-attività jibqa' "Ġenna ta' Ġonna".

3.7.2. Is-Sindku ppropona li għal din is-sena l-attività ssir it-tielet ħadd t'Ottubru. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel.

3.7.3. Is-Sindku ppropona wkoll li waqt l-attività jsir re-enactment ta' meta ttieħdet id-deċiżjoni li l-Floriana tinbena. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 3.8 BANKINA MFARRKA FI TRIQ L-ILJUN

3.8.1. Is-Sindku NH fetaħ il-materja billi qal li qed jipproponi li jibdew ix-xogħlijiet fuq parti mill-bankina ta' Triq l-Iljun. Huwa qal li din il-proposta tista' tiġi kunsidrata minflok il-proġett ta' Triq l-Isqof Mauro Caruana dejjem jekk ikun hemm qbil min-naħa tal-SPI li l-fondi jkunu jistgħu jiġu trasferiti għal proġett ieħor.

3.8.2. Is-SE qal li sa dakinhar kien għad m'hemmx konferma min-naħa tal-SPI. Huwa nforma wkoll li kien kiteb lill-avukat tal-Kunsill li kien talbu kopja tad-dokumenti sabiex ikun jista' jirrevedihom.

3.8.3. Is-Sindku NH talab li l-Kunsill imur on site fi Triq l-Iljun mal-Perit tal-Kunsill sabiex tkun tista' tintalab stima ta' kemm jiġi jiswa dan il-proġett. Il-Kunsill qabel.

3.8.4. Il-Kunsilliera SSH ipproponiet li l-Kunsill jitkellem mal-Works Department bħalma sar f'każijiet oħra. Is-SE qal li filwaqt li dan hu possibbli, xortawaħda jkun hemm bżonn li l-Kunsill jipprovdi BOQ lill-Works Department.

## 3.9 ĠEMELLAĠĠ MA' BELT / LOKALITÀ IRLANDIŻA

3.9.1. Is-Sindku NH fetaħ il-materja billi ppropona li l-lokalità tal-Floriana tkun ġemellata ma' belt Irlandiża, possibbilment Dublin.

3.9.2. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 3.10 ID-DAWL DEKORATTIV TAL-LOĠOĠ TA' TRIQ SANT' ANNA

3.10.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi għamel riferenza għall-ħsieb li jsir arblu fi Pjazza Sant' Anna bħalma hemm f'lokalitajiet oħra.

3.10.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel fil-prinċipju li għandu jsir arblu fi Pjazza Sant' Anna.

3.10.3. Il-Kunsill qabel li għandu jindaga kemm jiġi jiswa dan l-arblu u għalhekk qabel li jitkellem mal-Perit sabiex tinġieb stima.

3.10.4. Il-Viċi Sindku JAE qal li kienu diġà saru xi costings fil-leġiżlatura li għaddiet u talab lis-SE sabiex jara jekk jistax isib dawn l-istimi.

3.10.5. Is-Sindku NH kompla billi għamel riferenza għad-dawl ta' taħt il-loġoġ.

3.10.5.1. Is-SE qal li l-Kunsill kien iltaqa' mal-Inġinier tal-Works Department li kien issuġġerixxa li jsiru uplighters b'involviment ta' diversi entitajiet tal-gvern.

3.10.5.2. Il-Viċi Sindku JAE qal li d-dawl eżistenti jrid jinqala' u jerġa' jsir mil-ġdid. Huwa kompla billi qal li matul is-sena Triq Sant' Anna tista' tinxtegħel bl-uplighters filwaqt li f'festi u attivitajiet nazzjonali tinxtegħel bid-dawl tradizzjonali.

3.10.5.3. Il-Kunsilliera SSH qalet li kien hemm proposta f'dan ir-rigward fil-manifest elettorali tal-Partit Laburista. Hija qalet li kienet tkellmet mal-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika li informaha li kien lest li jiltaqa' mal-Kunsill sabiex ikun hemm kollaborazzjoni m' entitajiet oħra.

3.10.5.4. Is-Sindku NH qal li d-dawl ta' Triq Sant' Anna għandu karatteristika Maltija u għalhekk jemmen li l-Kunsill għandu jibqa' jissielet sabiex jinżamm l-istess tip ta' dawl.

3.10.5.5. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu l-opportunità jiltaqa' mal-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika sabiex jiddiskuti dan.

3.10.5.6. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill jitlob opinjoni oħra fuq l-istat tad-dawl eżistenti.

## 3.11 ĠNIEN SIR LUIGI PREZIOSI

3.11.1. Is-Sindku NH fetaħ id-diskussjoni dwar Ġnien Sir Luigi Preziosi fejn qal li l-kuntrattur il-ġdid li qed jieħu ħsieb il-ġonna kien qed jagħmel xogħol sodisfaċenti.

3.11.2. Il-Kunsillier JH staqsa jekk tistax tiġi rranġata l-funtana li hemm fil-ġnien.

3.11.2.1. Is-Sindku NH qal li jippreferi li l-funtani jkunu funtani kif kienu oriġinarjament milli kif inhuma mimlija bil-ħamrija preżentement.

3.11.2.2. Is-SE qal li l-kuntrattur kien tah stima sabiex jirranġa waħda mill-funtani u terġa' tibda' titħaddem.

3.11.2.3. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk il-funtana hux ser tibda' titnaddaf mil-kuntrattur peress li meta kienet għadha tiffunzjona, spiss kien jinstab ħafna skart mormi fl-ilma.

3.11.2.4. Is-Sindku qal li ma jaqbilx li s-soluzzjoni għall-dan il-vandaliżmu tkun li wieħed iwaqqaf il-funtana milli taħdem.

3.11.2.5. Il-Kunsillier JH semma l-użu ta’ sistema ta’ hydroponics fejn il-funtana tkun sostenibbli minnha nnifisha.

3.11.3. Is-Sindku għamel riferenza għad-dawl ta’ Ġnien Vilhena li kien qiegħed jinqata’.

3.11.3.1. Is-SE qal li kif qal tajjeb is-Sindku, id-dawl kien jinqata’ b’mod frekwenti u għalhekk kollox jindika li hemm xi ħaġa ħażina fis-sistema.

3.11.3.2. Is-Sindku semma wkoll li nqata’ xi dawl fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V.

3.11.3.3. Il-Kunsill qabel li għandu jinġieb inġinier sabiex il-Kunsill ikun jista’ jevalwa x’inhi l-problema.

3.11.4. Is-Sindku informa li l-kuntrattur tal-ġonna suppost għandu lista ta’ pjanti li għandhom jinżergħu fis-soft areas skont l-istaġun.

3.11.4.1. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill ikellem lill-kuntrattur kemm dwar il-pjanti kif ukoll dwar il-ħamrija.

3.11.4.2. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob laqgħa mal-kuntrattur.

## 3.12 PJAZZA SAN PUBLJU: ATTIVITAJIET U ĦARSIEN

3.12.1. Is-Sindku NH fetaħ il-materja billi qal li kien għamel riċerka fuq x’kien isir qabel meta kienu jiġu organizzati l-attivitajiet. Huwa qal li apparti li kienu jingħataw lista’ ta’ kundizzjonijiet, l-organizzaturi kienu jintalbu wkoll iħallu depożitu bħala assigurazzjoni. Huwa qal li jidher li din il-prassi kienet waqfet maż-żmien.

3.12.2. Is-Sindku qal li fil-laqgħa li nżammet mal-organizzaturi tal-kunċert ta’ Sotto le stelle, huwa kien informa li kienu ser jibdew jingħataw kundizzjonijiet mal-permess li l-organizzaturi iridu jibdew jimxu magħhom.

3.12.3. Is-Sindku għamel riferenza għal bye law dwar l-użu t’art pubblika li kienet qed tiġi abbozzata fl-2013. Huwa qal li ma jistax ikun li jibqgħu isiru attivitajiet mingħajr ma l-komunità tieħu xi ħaġa lura u għalhekk ippropona li l-Kunsill jibqa’ jinsisti li jkun hemm kundizzjonijiet xierqa.

3.12.4. Il-Viċi Sindku JAE qal li l-Kunsill m’għandux jorbot l-idea tal-ħarsien u l-protezzjoni tal-Fosos mal-perjodu tal-attivitajiet biss iżda wieħed irid jassigura li l-ħarsien ikun matul is-sena kollha. Huwa kompla billi qal li hu favur li ssir enfasi fuq din il-bye law iżda wieħed irid jassigura li l-protezzjoni tal-Fosos tkun kompluta.

3.12.5. Il-Viċi Sindku JAE staqsa wkoll liema entità ser tkun responsabbli li tinforza l-ħarsien tal-Fosos.

3.12.6. Is-Sindku NH qal li kien hemm perjodu fejn l-infurzar kien strett ħafna. Huwa qal li kien hemm anke tabelli mal-Fosos biex ma jitilgħux vetturi fuq il-Fosos u min kien jinqabad jikser il-liġi kien jiġi mmultat.

3.12.7. Il-Kunsilliera SSH qalet li l-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali kien informaha li kien lest jiltaqa' mal-Kunsill sabiex jiġi diskuss l-MoU.

3.12.7.1. Qamet diskussjoni fejn il-Viċi Sindku JAE qal li l-kunsillieri ma kienux informati li ser jiġi ffirmat MoU filwaqt li l-Kunsilliera SSH qalet li l-kunsillieri kienu mistednin kollha. Is-SE spjega li l-istedina oriġinali kienet biss għall-konferenza stampa u li kien talab hu biex jara fuq xiex inhi l-konferenza stampa.

3.12.7.2. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' mal-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali.

## 3.13 MONITORAĠĠ TAS-SISTEMA TAS-CCTV

3.13.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li qed jinnota ċertu progress sodisfaċenti però xorta jibqa' l-fatt li hemm żoni bħal dik ta' Triq San Franġisk ma' Triq is-Suq fejn qed ikun hemm abbuż kbir.

3.13.2. Huwa għamel riferenza għal-laqgħa li nżammet mal-LESA fejn ġie infurmat dwar kif jaħdem il-monitoraġġ.

3.13.3. Is-Sindku enfasizza l-ħtieġa li jiġu installati aktar kameras f'żoni oħra u saħaq fuq l-importanza ta' monitoraġġ effettiv. Huwa kompla billi qal li jinsab infurmat li hemm kunsilli lokali oħra li għandhom nies apposta li jwettqu dan il-monitoraġġ. Għalhekk huwa ippropona li l-Kunsill jitkellem mal-Community Workers Scheme sabiex tintalab persuna għal dan l-iskop. Il-Kunsill qabel.

3.13.4. Is-Sindku għamel riferenza għall-ġabra tal-iskart organiku u qal li l-ħamiem qed jagħmel ħerba minn dawn il-boroż. Huwa qal li hemm bżonn li dawn il-boroż jibdew jinħarġu f' bins.

3.13.5. Il-Kunsilliera SSH qal li wieħed irid jara jekk il-kuntrattur jaċċettax li joqgħod ibattal il-bins minflok jiġbor biss il-boroż.

3.13.6. Il-Kunsillier JH ippropona li l-problema tiġi mitigata billi l-Kunsill iqabbad persuni sabiex jiġbru l-boroż minn quddiem il-bibien u jitpoġġew f'postijiet identifikati mil-Kunsill biex imbagħad jinġabru mill-kuntrattur. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta minħabba li din ser tinkorri spejjeż addizzjonali apparti l-fatt li l-ġabra tal-iskart issa kienet responsabbiltà tar-Reġjun u mhux tal-Kunsill.

3.13.7. Is-Sindku qal li kien ħa l-inizjattiva sabiex iġib id-dettalji ta' sidien ta' residenzi li jinkrew sabiex ikun jista' jikkuntattjahom bit-tama li jkun hemm iktar kooperazzjoni fiż-żamma tal-indafa fil-lokalità.

## 3.14 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

3.14.1. Il-laqgħa intemmet fil-16:50 u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 9 ta' Settembru 2024 fis-2pm.

**Konfermati, illum it-Tnejn 9 ta' Settembru 2024**

(iffirmat)
Nigel Holland
Sindku

(iffirmat)
Malcolm Agius Muscat
Segretarju Eżekuttiv